



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2013/2017(BUD)

29.5.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-Baġit 2014 - Mandat għat-Trilogu
(2013/2017(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Peter Šťastný

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerè Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq fuq il-fatt li l-baġit tal-Unjoni Ewropea għandu jkoll il-prijoritajiet definiti għall-politika kummerċjali komuni bħala parti mill-istrateġija UE 2020; jistieden lill-Kummissjoni tuża parti mill-finanzjament taħt it-Titolu 20 - Kummerè tat-Taqsima III tal-baġit tal-UE għall-2014 għar-rieżami tal-istrateġija għall-politika kummerċjali tal-UE, sakemm ir-rieżami ma jkunx sar fl-2013;
2. Isostni li l-UE, bħala parteċipant kummerċjali ewlieni, għandha tagħmel ħilitha biex tgħin fit-tisħiħ tas-Sistema Kummerċjali Dinjija mibnija multilateralment billi tfassal proposti ġodda u tiegħu inizjattivi konkreti; jikkunsidra għalhekk li l-Kummissjoni jrid ikollha l-kapaċità kollha meħtieġa biex twettaq dan il-kompitu;
3. Ifakkar fl-impenji mġedda tal-UE favur il-promozzjoni tal-internazzjonalizzazzjoni u tal-kompetittività tal-imprezzi żgħar u ta' daqs medju; jirrikonoxxi l-ħtieġa li tizzied l-effiċjenza tal-għodda eżistenti f'dak il-qasam u jistieden lill-Kummissjoni taġixxi malajr fl-implimentazzjoni tal-proġett pilota mmirat lejn il-ħolqien ta' pjattaforma għall-internazzjonalizzazzjoni tan-negozji;
4. Jenfasizza li l-Politika Ewropea tal-Viċinat għandha tkompli tipprovdi appoġġ tekniku u assistenza adegwati fil-qasam tal-kummerè lil sħabna, speċjalment dawk il-pajjiżi fis-Sħubija tal-Lvant li daqt se jiffirmaw jew jikkonkludu ftehimiet ta' kummerè ħieles profondi u komprensivi mal-UE, kif ukoll mal-pajjiżi li għaddew mir-Rebbiegħa Għarbija;
5. Jemmen li għandhom jiġu pprovduti aktar riżorsi biex jiġi żgurat li l-Kummissjoni jkollha l-kapaċità li tinneozja, tiċċekkja u tittraduċi l-ftehimiet kummerċjali tagħha kemm jista' jkun malajr; jinnota li din iż-żieda hi saħansitra aktar vitali minħabba l-fatt li l-aġenda bilaterali tal-UE dan l-aħħar għet estiża biex tkopri negozjati kummerċjali bilaterali kruċjali ulterjuri (eż. mal-Istati Uniti u mal-Ġappun), li, minħabba l-ambitu ambizzjuż tagħhom u l-potenzjal tagħhom li jiġġeneraw it-tkabbir fl-UE, jiġġustifikaw l-allokazzjoni ta' riżorsi addizzjonali lill-Kummissjoni;
6. Jisħaq fuq il-fatt li l-korrezzjoni tad-diskrepanza bejn l-aġenda tan-negozjati kummerċjali tal-UE li qed tespandi u r-riżorsi limitati tagħha fil-klima attwali ta' limiti baġitarji tista' l-ewwel u qabel kolloxx tiġi solvuta b'riżorsi adegwati u riallokazzjoni tal-persunal fil-Kummissjoni;
7. Iwissi li l-oġġettivi tal-UE li jissaħħu l-inklużività kummerċjali u l-kooperazzjoni u l-istabilità ekonomiċi internazzjonali jridu jkunu riflessi fl-allokazzjonijiet baġitarji għall-Għajnuna għall-Kummerè, l-Istrument ta' Sħubija u l-Istrument għall-Assistenza Makrofinanzjarja; jopponi għalhekk kwalunkwe tnaqqis fl-allokazzjoni għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni; jitlob li r-riżorsi jiġu indirizzati aħjar u jintużaw b'mod aktar effikaċi; jappoġġa, f'dan ir-rigward, l-allokazzjoni ta' fondi speċifiċi biex jingħata kumpens għat-telf li sofrew il-pajjiżi li qed jiżviluppaw f'setturi ekonomiċi speċifiċi b'konsegwenza tal-iffirmar ta' ftehim ta' kummerè ħieles mal-UE;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi lill-Parlament b'mod aktar effikaċi f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-proposti ġġenerati mill-Parlament (i.e. bidliet għall-kamp ta' applikazzjoni tal-linji baġitarji, jew azzjonijiet preparatorji u proġetti pilota) sabiex jiġi żgurat li tingħata aktar kunsiderazzjoni tal-ispirtu tal-ideat tal-Parlament u li l-Parlament ikun jista' jwettaq skrutinju tal-implimentazzjoni tagħhom.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	28.5.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 2 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Laima Liucija Andrikienė, Maria Badia i Cutchet, David Campbell Bannerman, Daniel Caspary, María Auxiliadora Correa Zamora, Andrea Cozzolino, George Sabin Cutaş, Christofer Fjellner, Metin Kazak, Franziska Keller, Bernd Lange, David Martin, Vital Moreira, Paul Murphy, Cristiana Muscardini, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Niccolò Rinaldi, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Henri Weber, Iuliu Winkler, Jan Zahradil, Paweł Zalewski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Amelia Andersdotter, Catherine Bearder, Elisabeth Köstinger, Mario Pirillo, Marietje Schaake, Jarosław Leszek Wałęsa
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marie-Christine Vergiat